Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11413/20

COSI 142
JAIEX 88
CORDROGUE 50
CT 74
COPS 306
CRIMORG 74
IXIM 97
ENFOPOL 231
ENFOCUSTOM 101
CYBER 184
JAI 765

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 9478/2/20 REV 2 |
| Suġġett: | Rapport lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali dwar il-proċedimenti tal-Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna għall-perijodu Jannar 2019 - Ġunju 2020 |

F'konformità mal-Artikolu 71 TFUE u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/131/UE dwar l-istabbiliment ta' Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI), il-Kunsill għandu jżomm lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali infurmati bil-proċedimenti tal-Kumitat Permanenti.

Ir-Rapport lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali dwar il-proċedimenti tal-COSI għall-perijodu minn Jannar 2019 sa Ġunju 2020, kif maqbul mill-COSI, wara l-vidjokonferenza informali tal-membri tal-Kumitat fit-23 ta' Settembru 2020 jinsab fl-Anness.

ANNESS

**Rapport lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali dwar il-proċedimenti tal-Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI) għall-perijodu Jannar 2019 sa Ġunju 2020**

Werrej


1. Summary ..... 5
2. Horizontal matters ..... 11
   2.1 Future of EU internal security ..... 11
   2.2 Technological developments and internal security ..... 13
   2.2.1 EU Innovation Hub for internal security ..... 13
   2.2.2 NAI Council Conclusions ..... 14
   2.3 Impact of COVID-19 on internal security and maintaining operational continuity. ..... 14
3. Counter-Terrorism ..... 16
   3.1 The EU's response to terrorism ..... 16
   3.2 Battlefield information ..... 17
   3.3 Returning FTFs ..... 17
   3.4 Right-wing violent extremism ..... 18
   3.5 EU CT threat assessment ..... 18
   3.6 CBRN threat ..... 18
   3.7 Combating antisemitism: state of play and next steps ..... 19
4. The EU policy cycle on organised and serious international crime/EMPACT ..... 20
   4.1 Implementation and review of the EU Policy Cycle on organised and serious international crime ..... 21
   4.2 EU SOCTA 2021 ..... 21
   4.3 Independent evaluation ..... 22
   4.4 Funding ..... 23
   4.5 Reporting mechanism ..... 24
   4.6 Visibility ..... 24
   4.7 Joint Action Days ..... 25

5. Organised and serious international crime - thematic focus ..... 26

5.1 Enhancing financial investigations, including AROs ..... 26

5.2 Illicit drugs trafficking ..... 27

5.3 Migrant smuggling and THB ..... 28

5.4 Mafia-style organised groups ..... 29

5.5 Document Fraud ..... 29

6. Internal - External Nexus ..... 30

6.1 CDSP-JHA cooperation: Civilian CSDP Compact ..... 30

6.2 Hybrid threats ..... 30

7. Cooperation with Western Balkan partners ..... 32

8. Information Management ..... 34

9. Customs: enhancing the contribution of Customs to internal security ..... 36

10. Training ..... 37

11. Role of the COSI Support Group ..... 38

12. Conclusions ..... 38

13. Annex I - COSI & COSI-PSC Meetings January 2019 - June 2020 ..... 39

14. Annex II- Abbreviations ..... 40

15. Annex III - EMPACT General fact sheet OAPs 2019 ..... 42

Dan huwa s-seba' rapport lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 71 TFUE u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/131/UE1 dwar l-istabbiliment ta' Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI), li tipprevedi li l-Kunsill jeħtieġ li jżomm lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali infurmati bil-proċedimenti tal-Kumitat Permanenti.

Dan ir-rapport jippreżenta **l-attivitajiet tal-COSI matul il-perijodu Jannar 2019 - Ġunju 2020** taħt il-Presidenzi tar-Rumanija, il-Finlandja u l-Kroazja.

## 1. SOMMARJU

Taħt it-Triju ta' Presidenzi tar-Rumanija, il-Finlandja u l-Kroazja, il-COSI kompla jissodisfa l-mandat tiegħu biex **jiffaċilita, jippromwovi u jsaħħaħ il-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni operattiva** bejn l-Istati Membri tal-UE fil-qasam tas-sigurtà interna. F'din il-kapaċità, il-COSI aġixxa bħala korp ta' monitoraġġ, konsulenza u teħid tad-deċiżjonijiet, b'rappreżentanti għolja u esperti mill-Istati Membri kollha tal-UE u, fejn meħtieġ, l-aġenziji rilevanti tal-ĠAI, filwaqt li ħoloq sinerġiji bejn il-pulizija, id-dwana, il-gwardji tal-fruntiera u l-awtoritajiet ġudizzjarji kif ukoll atturi rilevanti oħrajn.

Il-COSI ra ħafna żviluppi, avvanzi u riżultati operazzjonali konkreti taħt it-triju ta' Presidenzi iżda ltaqa'wkoll ma', u ttratta, sfidi marbuta mal-indirizzar tal-pandemija attwali tal-COVID-19 u d-diffikultajiet involuti.

Matul il-perijodu minn Jannar 2019 sa Ġunju 2020, il-COSI ggwida l-iżvilupp u l-progress ta' diversi **kwistjonijiet orizzontali.**

Id-dibattitu ġenerali dwar **il-futur tas-sigurtà interna tal-UE** kkaratterizza l-attivitajiet tal-Kumitat matul il-perijodu ta' rapportar b'implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika 2019 - 2024 fil-qasam tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni. Dan inbeda fl-ewwel nofs tal-2019 taħt il-Presidenza Rumena[1], kompla jiġi żviluppat fid-dettall taħt il-Presidenza Finlandiża fit-tieni nofs tal-2019 u sar segwitu tiegħu matul il-Presidenza Kroata fl-2020. Kien hemm sensiela ta' dibattiti tematiċi dwar għadd ta' linji ta' ħidma orizzontali mmexxija mill-COSI bi tħejjija għad-diskussjonijiet tal-Kunsill fit-tieni nofs tal-2019, inkluż it-tisħiħ tal-qafas ta' kooperazzjoni operattiva għall-infurzar tal-liġi, l-impatt ta' teknoloġiji ġodda u theddid ibridu fuq is-sigurtà interna, ir-rwol tal-aġenziji tal-ĠAI tal-UE kif ukoll il-ġestjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-informazzjoni, u t-taħriġ għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi (LEA).

[1] 9393/19

F'Diċembru 2019, il-Kunsill ikkonferma l-flussi ta' ħidma orizzontali li jinsabu fir-Rapport tal-Presidenza Finlandiża[2] bil-ħsieb li jiġu ggwidati l-iżviluppi futuri fil-qasam tas-sigurtà interna. It-tisħiħ tal-approċċ integrat għas-sigurtà b'enfasi fuq il-kooperazzjoni interaġenzjali u transsettorjali msaħħa, kif ukoll l-indirizzar tal-ħtieġa u l-mezzi potenzjali biex jiġu appoġġati l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi madwar l-Unjoni fir-rigward tat-trasformazzjoni diġitali kienu t-temi sottostanti, mirfuda mir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt.

Ir-**rwol tal-aġenziji tal-ĠAI tal-UE** kien tema trasversali f'għadd ta' suġġetti ewlenin bħall-iżviluppi teknoloġiċi u l-impatt ta' teknoloġiji fixkiela, il-konsolidazzjoni tal-qafas ta' ġestjoni tal-informazzjoni għas-sigurtà interna b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' analiżi tad-data kif ukoll it-tisħiħ tal-qafas għall-kooperazzjoni operattiva tal-infurzar tal-liġi.

Il-COSI indirizza l-isfidi li qed tiffaċċa s-sigurtà interna f'dinja li hija progressivament aktar teknoloġikament u diġitalment abilitata. B'dan il-ħsieb, l-infurzar tal-liġi jeħtieġ li jkun jista' jlaħħaq ma' dawn l-iżviluppi. Bħala parti mir-riflessjoni ġenerali dwar il-futur tas-sigurtà interna tal-UE, l-Istati Membri esprimew l-appoġġ tagħhom għall-ħolqien ta' **ċentru ta' innovazzjoni tal-ĠAI** fil-Europol, li l-Ministri taw mandat għalih fil-Kunsill ĠAI f'Ottubru 2019. Fl-2020, il-COSI ġie mistieden jikkonferma u jħaddem il-prinċipji ewlenin għall-istabbiliment taċ-Ċentru tal-UE tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna, filwaqt li jibni fuq il-mandat tal-Kunsill għal fokus komprensiv fuq is-sigurtà interna, approċċ b'diversi aġenziji abbażi tal-komplementarjetà u s-sinerġiji tal-kapaċitajiet eżistenti, l-inklużività u t-twettiq kollettiv bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-atturi tas-sigurtà u jiġu identifikati opportunitajiet biex tiġi xprunata l-innovazzjoni.

**Il-pandemija tal-COVID-19** kellha impatt enormi fuq is-soċjetà tagħna u naturalment ġabet bidliet għall-infurzar tal-liġi u s-sigurtà interna. Mindu faqqgħet il-pandemija, il-COSI malajr reġa' orjenta l-aġenda tiegħu sabiex isegwi mill-qrib u jeżamina l-impatt li l-pandemija kellha fuq is-sigurtà interna. Bl-appoġġ tal-aġenziji tal-ĠAI, ġie żgurat għarfien tajjeb ħafna tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-iżviluppi fil-qasam tal-kriminalità, u dan ġie mmonitorjat regolarment. Il-preservazzjoni tal-kontinwità operazzjonali kienet l-aspett l-ieħor fejn ingħatat attenzjoni partikolari b'appell ċar mill-Istati Membri għall-konsolidazzjoni ta' qafas tal-UE għall-kooperazzjoni operattiva u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IT fl-UE kollha għal aktar konnettività u t-trawwim tal-iskambju ta' informazzjoni fil-futur.

[2] 14297/19

Barra minn hekk, il-COSI kompla jimmonitorja, jagħti pariri u jassisti fit-teħid ta' deċiżjonijiet matul il-pandemija permezz ta' metodi ta' ħidma alternattivi bħall-użu ta' proċeduri bil-miktub għall-Grupp ta' Appoġġ COSI u proċeduri bil-miktub kif ukoll vidjokonferenzi mad-delegazzjonijiet għal-laqgħat tal-COSI.

**Il-ġlieda kontra t-terroriżmu** baqgħet prijorità permanenti rikorrenti fuq l-aġenda tal-COSI.

Minbarra l-valutazzjoni tat-theddid kontra t-terroriżmu, ingħatat attenzjoni speċifika lill-iżviluppi rigward il-**ġellieda terroristi barranin (FTFs)**, inkluż dawk li jirritornaw. It-theddida terroristika potenzjali li dawn jippreżentaw hija ta' tħassib kbir kemm fil-livell politiku kif ukoll dak operazzjonali. Il-COSI ddiskuta l-punti prinċipali ta' proċess biex tiddaħħal informazzjoni fis-SIS li tkun waslet minn pajjiżi terzi fdati b'rabta ma' FTFs suspettati, li ppermetta li jinkiseb fehim aħjar dwar il-possibbiltajiet eżistenti taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali u li jiġu identifikati aspetti li jistgħu jiġu ssimplifikati aktar.

B'segwitu għal diskussjonijiet fil-fond tal-esperti fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu fit-tieni nofs tal-2019, il-COSI kkonsolida l-qafas għal rispons aktar issimplifikat għal **estremiżmu vjolenti tal-lemin** bi tħejjija għad-dibattitu tal-Kunsill, li wassal għall-approvazzjoni ta' matriċi ta' azzjonijiet prijoritarji biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni.

Il-COSI kompla jaqdi r-rwol ċentrali tiegħu ta' tmexxija fiċ-**Ċiklu ta' Politika tal-UE** fir-rigward tal-kriminalità internazzjonali organizzata u serja/EMPACT. Kif stipulat fit-termini ta' referenza taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, il-COSI, megħjun mill-Grupp ta' Appoġġ tiegħu fil-Kunsill, kompla jevalwa l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs), filwaqt li jimmonitorja l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kif ukoll ta' atturi oħra rilevanti biex jiġu żgurati l-impenn tagħhom u l-allokazzjoni ta' riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa. Il-Kumitat kompla jimmonitorja l-progress tal-OAPs darbtejn fis-sena, abbażi tas-sejbiet tal-Europol dwar l-implimentazzjoni tal-OAPs u rapporti mill-Promoturi u l-Koordinaturi Nazzjonali tal-EMPACT.

Matul il-perijodu ta' rapportar, l-enfasi tqiegħdet fuq is-simplifikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' rapportar bil-ħsieb li jiġu żgurati rapporti ta' implimentazzjoni tal-OAP aktar simplifikati għal monitoraġġ aħjar tal-implimentazzjoni. Fi Frar 2020 ġie ppreżentat mekkaniżmu ġdid ta' rapportar. Matul dan il-perijodu, il-COSI witta wkoll it-triq għall-adozzjoni tal-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA) tal-UE li jmiss li ser tiddefinixxi l-**prijoritajiet tal-UE dwar il-kriminalità għall-perijodu 2022 - 2025.** Fuq dan il-livell, il-COSI ddiskuta u qabel dwar ir-**rekwiżiti tal-konsumatur għas-SOCTA tal-UE**[3] kif ukoll dwar **metodoloġija** riveduta **għas-SOCTA tal-UE**[4].

[3] 9038/1/19 REV 1
[4] 13732/1/19 REV 1

Saret aktar enfasi fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-**viżibbiltà taċ-ċiklu ta' politika tal-UE** sabiex jiġu enfasizzati r-riżultati operazzjonali sodi miksuba fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja. Ser jiġi żviluppat **pjan direzzjonali ta' komunikazzjoni** biex tittejjeb il-viżibbiltà tal-EMPACT fit-tul. Biex ir-riżultati operazzjonali taċ-ċiklu ta' politika tal-UE/EMPACT jitqarrbu aktar lejn il-pubbliku, l-**iskedi informattivi** dwar ir-riżultati operazzjonali[5] saru pubbliċi flimkien mal-**filmat promozzjonali** annwali[6]**.**

Fir-rigward tal-**kriminalità internazzjonali organizzata u serja,** il-COSI ffoka fuq diversi linji ta' ħidma tematiċi. Sar dibattitu ta' orjentazzjoni dwar it-**tisħiħ tal-investigazzjonijiet finanzjarji** bil-ħsieb li tiġi miġġielda l-kriminalità serja u organizzata li jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ aktar komprensiv għall-investigazzjonijiet finanzjarji, filwaqt li jkopri miżuri dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi, dwar il-kooperazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) u r-rwol tal-Europol f'dik il-kooperazzjoni, dwar pagamenti fi flus kontanti u l-pagamenti virtwali.

Fid-dawl ta' dan id-dibattitu saret ħidma fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi (LEWP) fuq is-sett ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li ġew adottati f'Ġunju 2020[7].

Il-COSI kellu dibattitu tematiku fid-dawl tar-**Rapport dwar is-Swieq tad-Droga tal-UE 2019**, filwaqt li nnota li s-suq tad-droga tal-UE huwa dejjem aktar kumpless, adattabbli u innovattiv, u enfasizza l-ħtieġa li jiġu esplorati l-linji ta' politika li jistgħu jiġu żviluppati aktar sabiex jissaħħaħ ir-rispons għax-xenarju tat-traffikar illeċitu tad-droga li dejjem qed jevolvi. It-theddida li dan is-suq jirrappreżenta għas-sigurtà Ewropea u l-isfidi li jirriżultaw għat-tfassil tal-politika u għall-infurzar tal-liġi ġew indirizzati filwaqt li ġiet enfasizzata l-ħtieġa ta' attenzjoni mġedda għat-traffikar illeċitu tad-droga fil-qafas ta' politika integrata dwar id-drogi li hija bbilanċjata u bbażata fuq l-evidenza u fuq il-previżjoni. Abbażi tal-gwida pprovduta mill-COSI, il-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi appoġġat mil-LEWP ġie mistieden jidentifika passi speċifiċi li jistgħu jittieħdu biex jittejjeb ir-rispons tal-UE għat-traffikar illeċitu tad-droga[8]. F'Mejju 2020 il-COSI approva **sett strateġiku u operazzjonali ta' miżuri biex jissaħħaħ ir-rispons għat-traffikar tad-droga**[9].

---

[5] 7623/20

[6] **Error! Hyperlink reference not valid.**

[7] 8605/20

[8] 5756/20

[9] 7743/20 li sussegwentement ġie rivedut skont il-COSI 7743/1/20 REV 1

It-titjib tar-**rispons għan-networks tal-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali** kompla jkun punt fokali importanti tal-ħidma tal-COSI.

Bħala segwitu għal-laqgħa ministerjali informali tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tat-23 ta' Jannar 2020, il-COSI kellu skambju ta' fehmiet fid-dawl tar-rapport konġunt mill-Europol, il-Frontex u l-EASO dwar **l-indirizzar tal-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali fil-Balkani tal-Punent**. Id-delegazzjonijiet appoġġaw l-iżvilupp ta' skambju msaħħaħ ta' informazzjoni fil-Balkani tal-Punent li jista' jiġi mmudellat fuq mekkaniżmi eżistenti tal-UE. Il-preżenza akbar tal-aġenziji tal-UE fir-reġjun tqieset bħala ta' benefiċċju f'ċerti każijiet, filwaqt li ġiet issottolinjata l-ħtieġa ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn id-diversi atturi tal-UE. Filwaqt li jibni fuq ir-riżultati operazzjonali tajbin, il-Kumitat ħeġġeġ involviment akbar min-naħa tas-sħab tal-Balkani tal-Punent fiċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE/EMPACT.

Wara l-adozzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, komplew l-isforzi relatati mal-kooperazzjoni u t-tisħiħ tas-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn l-istrutturi ċivili tal-PSDK u l-atturi tal-ĠAI. Fil-qafas tar-**rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna,** matul dan il-perijodu l-COSI u l-KPS iffukaw fuq l-implimentazzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK. S'issa ġew ippreżentati tliet kunċetti "mini" separati dwar l-isfidi ta' sigurtà identifikati fil-Patt f'laqgħat konġunti ta' korpi ta' ħidma tal-ĠAI-PSDK-Kunsill u l-ħidma għaddejja sew. Hemm appoġġ ġenerali għall-approċċ lejn il-kunċetti "mini" fl-operazzjonalizzazzjoni tal-Patt Ċivili permezz ta' proġetti u proġetti pilota konkreti fir-rigward tal-missjonijiet ta' interess.

**It-theddid ibridu** ġie indirizzat mill-COSI fl-għamla tal-eżitu ta' diskussjoni ta' politika bbażata fuq xenarju li saret fil-laqgħa ministerjali informali f'Helsinki f'Lulju 2019. Id-delegazzjonijiet qablu li għandu jittieħed approċċ multisettorjali, nazzjonali u tal-UE u enfasizzaw ir-rwol tal-aġenziji tal-UE b'appoġġ għall-isforzi tal-Istati Membri. Fid-dawl tad-diskussjoni, sar dibattitu ta' orjentazzjoni mill-Kunsill f'Ottubru 2019.

**Il-kooperazzjoni mal-Balkani tal-Punent** baqgħet **prijorità** għall-COSI. Huwa importanti li s-sħab tal-Balkani tal-Punent jitqarrbu aktar lejn l-istandards u l-mekkaniżmi operazzjonali tal-UE għas-sigurtà tal-Ewropa kollha kemm hi, kif deskritt mill-Presidenza Kroata.

**Il-ġestjoni tal-informazzjoni** ġiet indirizzata mill-COSI bħala wieħed mid-dibattiti tematiċi dwar il-futur tas-sigurtà interna. Fl-interess tal-utenti finali, id-delegazzjonijiet appellaw għal qafas ta' politika komprensiv dwar il-ġestjoni tal-informazzjoni li jkopri ċ-ċirkwit kollu tad-data mill-aċċess għall-iskambju u l-użu effettiv, il-kwalità tad-data, l-analiżi tad-data, l-awtomatizzazzjoni u miżuri biex jiġi żgurat progress strutturat. Il-COSI kkonferma l-ħtieġa ta' aktar awtomatizzazzjoni, speċjalment fil-kuntest tal-analiżi tal-big data. L-implimentazzjoni tal-Interoperabbiltà ġiet imsemmija unanimament bħala prijorità assoluta b'appell għall-appoġġ kontinwu mill-UE biex tindirizza mhux biss l-implimentazzjoni teknika, iżda wkoll il-ħtieġa li jinbnew il-"mentalitajiet" meħtieġa biex din tiġi operata fil-prattika. Xi wħud appellaw għal aktar kawtela fl-estensjoni tal-Interoperabbiltà għal sistemi deċentralizzati qabel ma tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-pakkett.

**It-tisħiħ tal-kontribut tad-dwana għas-sigurtà interna baqa' punt fokali għall-attenzjoni tal-Kumitat.** Il-COSI ddiskuta triqat possibbli 'l quddiem biex tissaħħaħ aktar tali kooperazzjoni, li hija meqjusa bħala kruċjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata[10]. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw il-kooperazzjoni pożittiva tad-dwana maċ-ċiklu ta' politika tal-UE dwar il-kriminalità internazzjonali organizzata u serja/EMPACT u ħeġġew sinerġiji aktar profondi mal-għaxar Pjan ta' Azzjoni Doganali.

Fir-rigward tat-**taħriġ tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE**, tema orizzontali oħra mid-dibattiti dwar il-futur tas-sigurtà interna, ġie espress appoġġ għall-iżvilupp ta' kurrikuli standardizzati għal attivitajiet ta' taħriġ madwar l-UE, b'kont meħud tad-differenzi nazzjonali, bi proposti biex jiġu stabbiliti standards ta' ċertifikazzjoni ta' kwalità. Ingħata appoġġ unanimu għall-iżvilupp ulterjuri ta' programmi ta' skambju.

Il-COSI ġie aġġornat regolarment dwar il-kooperazzjoni u l-interazzjoni bejn l-aġenziji tal-ĠAI, pereżempju permezz tar-rapporti dwar l-attivitajiet tan-**Network tal-aġenziji tal-ĠAI**. Il-Europol u l-Eurojust għandhom il-presidenza tan-Network fl-2019 u fl-2020 rispettivament.

Għal darb'oħra l-**Grupp ta' Appoġġ COSI** pprovda appoġġ stabbli biex jiffaċilita l-ħidma tal-COSI, b'mod partikolari fil-qafas taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE dwar il-kriminalità internazzjonali organizzata u serja. Huwa ħejja diskussjonijiet għall-COSI, jew billi kkonkluda ċerti punti aktar tekniċi jew billi ssimplifika u ħejja d-diskussjonijiet għall-COSI.

---

[10] 7664/1/20 REV 1

## 2. KWISTJONIJIET ORIZZONTALI

2.1 Il-futur tas-sigurtà interna tal-UE

F'Ġunju 2019, il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar "**Il-futur tas-Sorveljanza tal-UE**[11]" bħala parti mir-riflessjonijiet kollettivi dwar id-direzzjoni futura tas-sigurtà interna.

Filwaqt li tibni fuq l-aġenda strateġika tal-UE, il-Presidenza Finlandiża saħħet id-diskussjonijiet inkluż permezz ta' sensiela ta' diskussjonijiet tematiċi dwar diversi aspetti tas-sigurtà interna, il-migrazzjoni u l-ġustizzja. L-objettiv kien li jiġi kkonsolidat l-eżitu tad-diskussjonijiet sa tmiem is-sena u li tiġi kkonfermata l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar id-direzzjoni futura fil-qasam tal-ĠAI.

Ingħatat attenzjoni speċifika lill-isfidi u l-ħtiġijiet iffaċċati fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri adottati, l-iżviluppi teknoloġiċi, il-ġestjoni tal-informazzjoni, it-taħriġ tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-kooperazzjoni operattiva, ir-rwol tal-aġenziji tal-ĠAI tal-UE, eċċ.

Id-diskussjonijiet sussegwenti tnedew f'Lulju 2019, fil-laqgħa informali tal-COSI, bi tħejjija għall-Kunsill informali ĠAI, billi tqajmu għadd ta' suġġetti orizzontali ewlenin. Saru wkoll diskussjonijiet tematiċi fil-gruppi ta' ħidma rilevanti, bħall-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Informazzjoni (DAPIX IE) (IXIM), u dawn tħejjew aktar fil-COSI għal dibattitu ministerjali. Għadd ta' suġġetti li ġew indirizzati fid-dettall jinkludu t-tisħiħ tal-qafas ta' kooperazzjoni operattiva għall-infurzar tal-liġi, l-impatt ta' teknoloġiji ġodda u t-theddid ibridu fuq is-sigurtà interna, ir-rwol tal-aġenziji tal-ĠAI tal-UE, il-ġestjoni tal-informazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tagħha, u t-taħriġ għal-LEA.

Bħala parti mis-sensiela ta' dibattiti li tressqu quddiem il-COSI f'Settembru 2019, wieħed minnhom iffoka fuq teknoloġiji ġodda u s-sigurtà interna[12]. Huwa ddeskriva l-impatt tal-iżviluppi teknoloġiċi fir-rigward tal-infurzar tal-liġi, u l-COSI esprima l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-ħolqien ta' "**Ċentru ta' Innovazzjoni" għas-sigurtà interna** fejn il-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi għandhom jitqiesu b'mod sistematiku fl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

[11] 9027/19
[12] 12224/19

L-eżitu tad-diskussjonijiet tematiċi differenti tqassar f'Rapport tal-Presidenza ppreżentat lill-Kunsill f'Diċembru 2019[13] fejn ġew deskritti erba' kwistjonijiet ewlenin.

Ġie rrakkomandat **approċċ proattiv għal teknoloġiji ġodda** mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi b'appoġġ miċ-ċentru ta' innovazzjoni rakkomandat b'enfasi fuq il-konsiderazzjoni tal-ħtiġijiet tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Qafas komprensiv **u effettiv ta' ġestjoni tal-informazzjoni**, sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni kollha eżistenti meħtieġa tkun aċċessibbli, ipproċessata, **analizzata** u skambjata malajr u b'mod effiċjenti sabiex tagħti lok għal azzjoni mmexxija mill-intelligence.

Il-ħtieġa li jiġi rieżaminat il-qafas legali għall-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi u l-mandat tal-Europol sabiex jiġi adattat għar-realtajiet attwali u l-isfidi futuri ġiet irrakkomandata b'referenza għall-**kooperazzjoni transfruntiera multidixxiplinari**.

Ġie rrakkomandat **approċċ komprensiv għas-sigurtà** sabiex jiġu indirizzati diversi theddidiet għas-sigurtà interna. Ġiet enfasizzata l-importanza li ssir ħidma fis-setturi ta' politika rilevanti kollha u fost l-atturi rilevanti b'mod aktar strateġiku, koordinat u koerenti.

Matul dan id-dibattitu kien hemm konverġenza wiesgħa ta' fehmiet dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata perspettiva finanzjarja sostenibbli għall-aġenziji tal-ĠAI tal-UE u l-Europol b'mod partikolari, kif ukoll allokazzjoni adegwata ta' riżorsi għal prijoritajiet tas-sigurtà interna fil-kuntest ta' xenarju ta' sigurtà li dejjem qed jevolvi u li qed jinbidel malajr. F'dan il-kuntest, id-delegazzjonijiet ħadu nota tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati tal-QFP 2021-2027 li jmiss[14] u qablu dwar il-ħtieġa li jkun hemm kollegament mal-Ministeri għall-Finanzi fil-livell nazzjonali biex jiġi żgurat li fin-negozjati tar-Regolament Ġenerali dwar il-QFP jittieħed kont tal-ħtieġa ta' allokazzjoni proporzjonata ta' fondi għall-prijoritajiet tas-sigurtà interna.

---

13 14297/19

14 9034/19

2.2 Żviluppi teknoloġiċi u sigurtà interna

2.2.1 Ċentru tal-UE tal-Innovazzjoni għas-sigurtà interna

Bi tħejjija għad-dibattitu tal-Kunsill dwar teknoloġiji ġodda u s-sigurtà interna[15], il-Kumitat kellu skambju ta' fehmiet f'Settembru 2019 bħala parti mir-riflessjoni ġenerali dwar il-futur tas-sigurtà interna tal-UE. Id-delegazzjonijiet taw l-appoġġ tagħhom għall-ħolqien ta' **ċentru ta' innovazzjoni tal-ĠAI** ospitat mill-Europol, filwaqt li enfasizzaw wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat **finanzjament adegwat** għat-tħaddim tiegħu. F'Ottubru l-Kunsill ta mandat wiesa' għal dak il-għan.

Sabiex tiġi avvanzata l-ħidma fuq l-istabbiliment ta' ċentru tal-UE tal-innovazzjoni, fi Frar tal-2020 il-COSI ġie mistieden jikkonferma l-prinċipji ewlenin[16] għall-istabbiliment taċ-ċentru tal-UE tal-innovazzjoni għas-sigurtà interna, filwaqt li jibni fuq il-mandat tal-Kunsill, jiġifieri fokus komprensiv fuq is-sigurtà interna, approċċ b'diversi aġenziji abbażi tal-komplementarjetà u s-sinerġiji tal-kapaċitajiet eżistenti, l-inklużività u t-twettiq kollettiv bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-atturi tas-sigurtà u li jiġu identifikati opportunitajiet biex tiġi xprunata l-innovazzjoni. Il-Kumitat enfasizza l-ħtieġa li jkompli jiġi żviluppat il-mudell operazzjonali u finanzjarju taċ-ċentru. L-Aġenziji rilevanti tal-ĠAI ġew mistiedna jippreżentaw proġetti pilota li jistgħu juru l-valur miżjud ta' approċċ bejn l-aġenziji permezz taċ-ċentru tal-UE tal-innovazzjoni.

Il-COSI kellu diskussjoni informali permezz ta' vidjokonferenza f'Mejju 2020 biex jiġu ċċarati aktar il-prinċipji ewlenin għall-istabbiliment taċ-ċentru tal-UE tal-innovazzjoni għas-sigurtà interna[17] wara l-qbil ġenerali dwar il-qafas taċ-Ċentru fil-laqgħa tal-COSI fi Frar.

Il-Europol, appoġġata mill-Kummissjoni, ser tikkoordina l-arranġamenti amministrattivi meħtieġa, inkluż l-abbozzar ta' regoli ta' proċeduri dwar il-funzjonament tal-grupp ta' tmexxija, bil-ħsieb ta' approvazzjoni mill-COSI.

---

15 12224/19
16 5757/20
17 7829/20

2.2.2 Konklużjonijiet tal-Kunsill NAI

B'segwitu għall-appoġġ wiesa' espress mill-Ministri fil-Kunsill Informali tal-ĠAI f'Jannar 2019 għall-inizjattiva tal-Presidenza dwar **Informazzjoni Azzjonabbli Ġdida (NAI)**, il-COSI kellu skambju ta' fehmiet dwar l-elementi ewlenin tal-kunċett imressaq mill-Presidenza[18]. Il-COSI enfasizza l-urġenza għal proċess aktar issimplifikat biex jappoġġa lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Unjoni kollha biex jifhmu, jiżviluppaw u jużaw teknoloġiji u għodod fil-qasam tad-data diġitali, inkluż inizjattivi fir-riċerka u l-innovazzjoni. B'segwitu għal dan id-dibattitu, il-Europol ippreżentat pjan direzzjonali għall-iżvilupp ta' pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-għarfien u [19]**l-Kunsill adotta konklużjonijiet** f'Ġunju 2019[20].

2.3 L-impatt tal-COVID-19 fuq is-sigurtà interna u ż-żamma tal-kontinwità operazzjonali

Il-COSI poġġa l-**impatt tal-COVID-19 fuq is-sigurtà interna** u ż-żamma tal-kontinwità operazzjonali għall-infurzar tal-liġi fiċ-ċentru tal-aġenda tiegħu fir-Rebbiegħa tal-2020[21]. Din id-diskussjoni kienet segwitu għall-vidjokonferenza informali tal-Ministri għall-Affarijiet Interni f'April 2020, li fiha ġew enfasizzati l-aspetti ta' sigurtà tal-kriżi.

Il-pandemija tal-COVID-19 ġabet magħha bidliet u xejriet ġodda fil-kriminalità serja u organizzata, mhux biss fl-UE iżda globalment. Wara lockdowns u restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar bejn il-fruntieri, l-organizzazzjonijiet kriminali adattaw għaċ-ċirkostanzi l-ġodda u qed ifasslu l-attivitajiet tagħhom għall-ispeċifiċitajiet tal-pandemija. L-organizzazzjonijiet kriminali żiedu bil-kbir il-preżenza online tagħhom, billi jimmiraw il-vittmi u l-klijenti fuq l-internet, in-networks soċjali u d-darknet. Il-pandemija u l-lockdown innifsu stimulaw attività kriminali u frodulenti relatata ma' oġġetti u servizzi mediċi. L-attività kriminali malajr adattat għax-xejra tad-domanda fis-suq globali fiċ-ċirkostanzi l-ġodda tal-COVID-19.

Wara l-kriżi, l-Unjoni mmobilizzat il-kapaċitajiet tagħha biex tiżgura li l-evoluzzjoni tax-xenarju kriminali u l-impatt tal-COVID-19 fuq is-sigurtà interna jiġu mmonitorjati kontinwament sabiex jiġu antiċipati l-iżviluppi u jingħata rispons.

---

[18] 9035/19
[19] 13731/19
[20] 9720/19
[21] 7828/20

F’dan il-kuntest, hemm ħtieġa saħansitra aktar evidenti li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jiġu pprovduti b’ħiliet adattati għax-xenarju l-ġdid. Hemm ħtieġa kbira ta’ soluzzjonijiet tal-IT flessibbli u robusti, żieda fil-livell ta’ oqsma ġodda ta’ għarfien espert u riżorsi finanzjarji adegwati. Il-preservazzjoni tal-kontinwità operazzjonali kienet aspett ieħor fejn ingħatat attenzjoni partikolari. Matul il-konfinament, inżammet kontinwità fil-kooperazzjoni operattiva u fl-iskambju ta’ informazzjoni fejn kienu disponibbli soluzzjonijiet tal-IT, konnettività bejn l-awtoritajiet u kanali ta’ komunikazzjoni siguri. Hemm appell ċar mill-Istati Membri għall-konsolidazzjoni ta’ qafas tal-UE għall-kooperazzjoni operattiva u l-iżvilupp ta’ soluzzjonijiet tal-IT fl-UE kollha għal aktar konnettività u t-trawwim tal-iskambju ta’ informazzjoni fil-futur.

## 3. IL-ĠLIEDA KONTRA T-TERRORIŻMU

Għalkemm fl-2019 u fl-2020 kien hemm tnaqqis fl-għadd u l-impatt ta' attakki terroristiċi, il-ġlieda kontra t-terroriżmu baqgħet prijorità għolja fuq l-aġenda tal-COSI, filwaqt li kien meħtieġ approċċ multidixxiplinari biex tiġi indirizzata din it-theddida għas-sigurtà interna tal-UE.

3.1 Ir-rispons tal-UE għat-terroriżmu

Bi tħejjija għad-dibattitu tal-Kunsill fir-rebbiegħa tal-2019, il-COSI evalwa l-progress li sar[22] mill-2015 fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-livell tal-UE u indika direzzjonijiet possibbli għal azzjoni futura. Il-Parlament Ewropew (PE), bħala koleġiżlatur, kellu rwol importanti, mhux biss fl-adozzjoni ta' għadd ta' fajls leġiżlattivi iżda wkoll fil-ħidma estensiva tal-Kumitat Speċjali dwar it-Terroriżmu[23] li wasslet għall-adozzjoni, f'Diċembru 2018, ta' rapport komprensiv dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż 227 rakkomandazzjoni għal ħidma futura f'dan il-qasam. Il-Presidenza nediet proċess ta' riflessjoni dwar it-triq 'il quddiem f'dan il-qasam, b'kont meħud li l-2019 kienet sena ta' ħafna bidliet għall-UE, li jistgħu jaffettwaw il-politika ta' sigurtà interna tal-UE, inkluż fir-rigward tal-isforzi ta' kontra t-terroriżmu.

Il-Kumitat kellu skambju ta' fehmiet, filwaqt li nnota l-ħtieġa għall-implimentazzjoni ta' miżuri adottati u l-indirizzar ta' nuqqasijiet prattiċi. Barra minn hekk, huwa enfasizza l-ħtieġa li jissaħħu r-rabtiet u li tiġi żviluppata aktar ir-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu.

[22] 5569/19
[23] WK 15093/2018

3.2 Informazzjoni mill-kamp tal-battalja

Il-KPS u l-COSI ddiskutew il-kwistjoni ta' **informazzjoni mill-kamp tal-battalja** abbażi ta' dokument u preżentazzjoni mill-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu[24]. L-iskambju ffoka fuq il-ħtieġa li titħaffef id-disponibbiltà tal-informazzjoni mill-kamp tal-battalja għal tliet għanijiet: il-kontroll tal-fruntieri, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni. Id-delegazzjonijiet laqgħu l-progress li kien inkiseb mill-aħħar diskussjonijiet f'Lulju 2017 u ssottolinjaw in-natura trasversali tal-ġbir u tal-użu ta' informazzjoni mill-kamp tal-battalja li tinvolvi għadd ta' atturi u aspetti fil-qasam militari, dak tal-infurzar tal-liġi u dak ġudizzjarju.

3.3 FTFs li jirritornaw

Is-sitwazzjoni tal-FTFs, inkluż dawk li jirritornaw, u t-theddida terroristika potenzjali li dawn jippreżentaw saru ta' tħassib kbir kemm fil-livell politiku kif ukoll dak operazzjonali. Wara l-azzjoni militari tat-Turkija fil-Grigal tas-Sirja u minħabba s-sitwazzjoni persistentement volatili f'dak ir-reġjun, it-tħassib dwar ir-ritorn potenzjali mhux identifikat ta' FTFs suspettati sar aktar akut. Huwa kruċjali li jiġu identifikati FTFs mhux Ewropej f'każ li jippruvaw jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE u li tittieħed azzjoni mal-wasla ta' intelligence rigward l-identità ta' FTFs mhux Ewropej suspettati. Il-COSI kellu skambju dwar il-punti prinċipali ta' proċess biex tiddaħħal informazzjoni fis-SIS li tkun waslet minn pajjiżi terzi fdati b'rabta ma' FTFs suspettati,[25] li ppermetta li jinkiseb fehim aħjar dwar il-possibbiltajiet eżistenti taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali u li jiġu identifikati aspetti li jistgħu jiġu ssimplifikati aktar.

[24] 6336/19 EU RESTRICTED / RESTREINT UE + ADD 1 EU RESTRICTED / RESTREINT UE + ADD 2

[25] 7741/20

3.4 Estremiżmu vjolenti tal-lemin

Wara attakki reċenti motivati minn din il-forma ta' terroriżmu, tqies f'waqtu u rilevanti li dan id-dibattitu jitmexxa 'l quddiem għal diskussjoni politika ta' livell għoli. Bi tħejjija għad-dibattitu tal-Kunsill f'Diċembru 2019 u wara d-diskussjonijiet li kienu saru fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu, il-Kumitat issottolinja l-ħtieġa li jiġu ssorveljati u rreġistrati l-iżviluppi rigward l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu tal-lemin[26]. L-iskambji enfasizzaw l-approċċi differenti fl-Istati Membri li jistgħu jwasslu għal stampa ta' theddid li tkun biss parzjali u insuffiċjenti, kif ukoll ir-rwol tal-internet, u l-ħtieġa li ssir riflessjoni ulterjuri dwar kif għandha tiġi miġġielda l-propaganda terroristika online, irrispettivament mill-ideoloġija sottostanti, tqieset bħala prijorità.

3.5 Valutazzjoni tat-theddida tal-ġlieda kontra t-terroriżmu tal-UE

Skont il-proċedura stabbilita[27], il-COSI approva kull semestru r-rakkomandazzjonijiet fil-livell tal-UE tal-valutazzjoni tat-theddid tal-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu[28] [29] [30]. Fost l-oħrajn, ir-rakkomandazzjonijiet f'Mejju 2019 enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu mmotivati politikament jew ideoloġikament fil-forom kollha tagħhom, filwaqt li titqies ukoll il-polarizzazzjoni dejjem akbar tas-soċjetà.

3.6 Theddida CBRN

Il-Kumitat laqa' l-preżentazzjoni tal-Kummissjoni rigward ir-rispons tal-UE għar-riskji CBRN u t-triq 'il quddiem possibbli, speċjalment bil-ħsieb li jiġi indirizzat ir-riskju akbar irrappurtat fl-użu potenzjali ta' armi kimiċi u bijoloġiċi.

[26] 12225/19
[27] 13414/1/17 REV 1
[28] 9044/1/19
[29] 13709/1/19 REV 1
[30] 7740/20

3.7 Il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu: sitwazzjoni attwali u l-passi li jmiss

Wara l-attakk tad-9 ta' Ottubru 2019 fuq sinagoga f'Halle (DE), il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat dwar il-ħidma li għaddejja f'dan il-qasam. B'segwitu għad-dikjarazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u l-iżvilupp ta' approċċ komuni fil-qasam tas-sigurtà għal protezzjoni aħjar tal-komunitajiet u l-istituzzjonijiet Lhud fl-Ewropa, kif approvata mill-Kunsill fis-6 ta' Diċembru 2018[31], il-Kummissjoni stabbiliet grupp ta' ħidma dwar l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill, bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri u l-komunitajiet Lhud. Biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni, tqiegħdu għad-dispożizzjoni fondi taħt l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija.

[31] 15213/18

## 4. **IĊ-ĊIKLU TA' POLITIKA TAL-UE DWAR IL-KRIMINALITÀ INTERNAZZJONALI ORGANIZZATA U SERJA/EMPACT**

Fl-2010, l-UE stabbiliet ċiklu ta' politika ta' erba' snin sabiex toħloq qafas sostenibbli ta' kontinwità fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja. Dan sar il-qafas ewlieni għall-kooperazzjoni operattiva madwar l-UE biex jiġu indirizzati t-theddidiet kriminali ewlenin li jaffettwaw is-sigurtà interna fil-livell tal-UE.

Waħda mill-karatteristiċi ewlenin taċ-ċiklu ta' politika tal-UE hi n-natura multidixxiplinari integrata tiegħu, kemm fir-rigward tal-użu u l-allinjament tal-kontribut komplementari tal-atturi kollha multidixxiplinari u multiaġenzjali, kif ukoll fir-rigward tal-integrazzjoni ta' tipi differenti ta' għodod u attivitajiet biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità[32].

Dan l-approċċ multidixxiplinari jnaqqas l-ostakli li altrimenti jkunu diffiċli biex jingħelbu bħad-differenza fil-kompetenza, il-mandat u l-metodi ta' ħidma tad-diversi atturi involuti fil-livell nazzjonali u dak tal-UE u fil-kuntest tal-azzjoni interna jew esterna kif ukoll in-natura transfruntiera kumplessa tal-kriminalità serja u organizzata li tirrikjedi l-użu ta' firxa wiesgħa ta' għodod u approċċi sabiex tiġi miġġielda b'mod effettiv.

Il-kisbiet taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE jintwerew b'riżultati operazzjonali solidi(anness III)[33], kif irrappurtati regolarment mill-Promoturi tal-OAPs u ġġenerati wkoll permezz tal-Jiem ta' Azzjoni Konġunta. Daqstant ieħor importanti huwa l-fatt li ċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE kiseb dimensjoni ġdida ta' kooperazzjoni fost l-istrutturi stabbiliti fil-livell nazzjonali u dak tal-UE u pprovda opportunitajiet biex jiġu żviluppati approċċi ġodda abbażi tal-kuntest multidixxiplinari tiegħu.

Fl-2019, huwa ta riżultati tanġibbli b’8 000 arrest inkluż miri ta’ importanza kbira, l-identifikazzjoni ta' aktar minn 1 400 vittma tat-traffikar tal-bnedmin u l-pedopornografija online, il-prevenzjoni tal-frodi fl-interess tal-UE (EUR 400 miljun), is-sekwestru jew l-iffriżar ta' assi kriminali (EUR 77 miljun), u s-sekwestru ta' 75 tunnellata ta’ drogi u sustanzi kimiċi u ta' 6 000 arma tan-nar[34].

---

32 14884/1/18 REV 1

33 **Error! Hyperlink reference not valid.**

34 https://www.consilium.europa.eu/media/44281/information-note-empact.pdf

4.1 Implimentazzjoni u rieżami taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE dwar il-kriminalità internazzjonali organizzata u serja

Il-COSI għandu rwol ċentrali fit-tmexxija tal-proċess taċ-Ċiklu ta’ Politika tal-UE. Kif stipulat fit-termini ta' referenza taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE[35], il-COSI jevalwa mill-qrib l-implimentazzjoni tal-OAPs, inkluż il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri u atturi oħra sabiex jiġu żgurati l-impenn tagħhom u l-allokazzjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa. Il-Kumitat jissorvelja l-progress tal-OAPs darbtejn fis-sena abbażi tas-sejbiet tal-Europol dwar l-implimentazzjoni tal-OAPs u tar-rapporti mill-Promoturi u l-Koordinaturi Nazzjonali tal-EMPACT[36].

L-element ewlieni enfasizzat matul it-Triju ta’ Presidenzi b'rabta mal-implimentazzjoni taċ-ċiklu ta’ politika tal-UE kien ir-rikonoxximent tal-ħtieġa li jiġi aġġornat il-mekkaniżmu ta’ rapportar bil-ħsieb li tiġi żgurata simplifikazzjoni ulterjuri tar-rapporti ta’ implimentazzjoni tal-OAPs[37]. Dan twettaq u fi Frar 2020 ġie prodott mekkaniżmu ta' rapportar ġdid[38], li ser jiġi spjegat fid-dettall fi stadju aktar tard. Ġew ippreżentati wkoll ir-riżultati operazzjonali eċċellenti, kif ukoll il-kooperazzjoni msaħħa ma’ sħab/pajjiżi mhux tal-UE, il-maturazzjoni taċ-ċiklu ta' politika tal-UE kif ukoll l-effiċjenza u s-suċċess tiegħu.

4.2 SOCTA tal-UE għall-2021

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja għall-perijodu 2018-2021[39] inkarigat lill-Europol, flimkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni u Aġenziji oħra tal-ĠAI, bit-tħejjija tas-SOCTA tal-UE għall-2021 - rekwiżiti tal-klijenti għall-validazzjoni mill-COSI qabel Lulju 2019 u l-COSI approvahom[40] f'Mejju 2019.

---

35 14884/1/18 REV 1
36 8686/19
37 9036/19
38 5002/20
39 7704/17
40 9038/1/19 REV 1

Fl-evalwazzjoni tas-SOCTA tal-UE għall-2017 u l-metodoloġija tagħha, l-Istati Membri u l-Europol kienu issuġġerew diversi punti ta' titjib. L-aġġornamenti ġew riflessi fid-dokument tas-SOCTA tal-UE għall-2021 - rekwiżiti tal-klijenti u pprovdew gwida għall-aġġornament tas-**SOCTA tal-UE għall-2021 - metodoloġija** bħall-inklużjoni tal-analiżi ambjentali biex jiġu identifikati x-xejriet u l-vulnerabbiltajiet fil-ġbir u l-analiżi tad-data. Il-metodoloġija riveduta tas-SOCTA tal-UE għall-2021[41] ġiet approvata mill-COSI f'Jannar 2020.

4.3 Evalwazzjoni indipendenti

Ġiet varata evalwazzjoni indipendenti[42] taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE 2018-2021, kif mitluba mill-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja għall-perijodu 2018-2021[43] biex isservi bħala input għaċ-Ċiklu ta' Politika li jmiss tal-UE.

L-għan tal-evalwazzjoni huwa li tiġi pprovduta valutazzjoni ġenerali ta' jekk, u sa liema punt, iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE 2018-2021, inkluż is-SOCTA tal-UE, laħaq l-objettiv ġenerali tiegħu li jindirizza b'mod koerenti u metodoloġiku t-theddid l-aktar importanti tal-kriminalità serja u organizzata li jaffettwa lill-UE bl-inkoraġġiment ta' kooperazzjoni bejn l-atturi rilevanti kollha[44], u li jiġu ssuġġeriti miżuri konkreti biex jittejbu ċ-Ċiklu/i ta' Politika li jmiss tal-UE.

L-evalwazzjoni indipendenti ser tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kisbiet miksuba u l-ostakli li nqalgħu matul iċ-ċiklu 2018-2021, u r-raġunijiet għal dan. Hija ser tiddentifika l-aħjar prattiki u miżuri konkreti fil-forma ta' rakkomandazzjonijiet azzjonabbli biex jiġu ssimplifikati u mtejba l-effettività u l-effiċjenza taċ-Ċiklu/i ta' Politika li jmiss tal-UE[45].

L-Istati Membri u l-aġenziji tal-ĠAI huma involuti fl-evalwazzjoni b'diversi mezzi, inkluż kwestjonarji u intervisti, u possibbilment żjarat ta' studju, u, jekk jitqiesu meħtieġa, b'modi oħra ta' funzjoni ta' monitoraġġ.

[41] 13732/1/19 REV 1
[42] 10993/19
[43] 7704/17
[44] 15358/10
**Error! Hyperlink reference not valid.**
[45] 11163/19

F'Lulju 2019, id-delegazzjonijiet tal-Grupp ta' Appoġġ tal-COSI ġew mistiedna jiskambjaw fehmiet dwar l-elementi ewlenin tal-evalwazzjoni deskritti fid-dokument tal-Kummissjoni kif ukoll dwar l-aspetti rigward il-monitoraġġ tal-evalwazzjoni kif ippreżentati fid-dokument. B'riżultat ta' dan, twaqqaf grupp konsultattiv biex jassisti l-evalwazzjoni, u d-dokument tal-Kummissjoni ġie rivedut abbażi tal-kummenti bil-miktub wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Appoġġ tal-COSI[46].

Dokument ta' ħidma ġie ppreżentat lill-Grupp ta' Appoġġ tal-COSI f'April 2020 u d-delegazzjonijiet ħadu nota tas-sejbiet preliminari tal-istudju ta' evalwazzjoni u l-attivitajiet imwettqa sa April 2020[47]. L-evalwazzjoni għadha fit-triq it-tajba minkejja l-pandemija tal-COVID-19.

4.4 Finanzjament

Kien hemm sforz kontinwu biex jiġi ssimplifikat il-finanzjament taċ-ċiklu ta' politika tal-UE. F'Mejju 2019 id-delegazzjonijiet tal-Grupp ta' Appoġġ tal-COSI skambjaw fehmiet dwar l-eżiti u r-rakkomandazzjonijiet mit-tielet sessjoni ta' ħidma tal-grupp ta' esperti dwar il-finanzjament li indikaw aspetti li huma qiesu li għandhom jingħataw prijorità u li għandhom jiġu pproċessati ulterjorment mill-COSI.

Fl-2019, mill-baġit globali tal-EMPACT ta' EUR 4 miljuni, EUR 3 miljuni ġew allokati għal għotjiet ta' valur għoli u EUR 1 miljun għal għotjiet ta' valur baxx[48]. B'segwitu għad-dibattitu li sar fil-Grupp ta' Appoġġ tal-COSI b'rabta mal-baġit propost għall-2020 f'Settembru, kien hemm qbil li jiġu allokati aktar fondi għall-għotjiet ta' valur baxx minħabba r-rati ta' assorbiment tajbin ħafna u l-flessibbiltà pprovduta.[49] Barra minn hekk, skont id-dibattitu tal-COSI, il-prijorità orizzontali tal-frodi tad-dokumenti rċeviet finanzjament dirett għall-ewwel darba ta' EUR 100, 000. Il-COSI ser ikompli jissorvelja l-allokazzjoni tal-finanzjament. Il-COSI ħa nota ta' finanzjament speċifiku sostantiv minn istituzzjonijiet/aġenziji/networks oħra tal-UE[50] li jissottolinja l-impenn ta' dawn is-sħab biex jappoġġaw lill-EMPACT.

46 1163/1/19 REV 1
47 WK 4357/20
48 10992/19
49 10992/1/19 REV 1
50 7409/1/20 REV 1

4.5 Mekkaniżmu ta’ rapportar

Fi Frar 2020, id-delegazzjonijiet ġew ippreżentati b'abbozz rivedut tal-**mekkaniżmu ta' rapportar**[51] għaċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE 2018-2021 wara rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Koordinaturi Nazzjonali tal-EMPACT matul laqgħa dedikata ta' grupp ta' ħidma ospitata mill-Europol fis-26 ta' Ġunju 2019 u sessjoni ta' ħidma fil-Laqgħa tal-Koordinaturi Nazzjonali tal-EMPACT fit-30 ta' Ottubru[52] 2019.

Id-delegazzjonijiet iddiskutew id-dokument rivedut bil-ħsieb tal-adozzjoni tiegħu u kien hemm kunsens ġenerali rigward il-mudell il-ġdid ta' ppjanar u rapportar, li tqies aktar faċli għall-utent u simplifkat[53].

4.6 Viżibilità

Il-COSI pprovda wkoll gwida dwar it-tisħiħ tal-identità taċ-Ċiklu ta’ Politika tal-UE f’Mejju 2018 u adotta sett ta’ rakkomandazzjonijiet sabiex itejjeb il-komunikazzjoni taċ-Ċiklu ta’ Politika tal-UE/EMPACT[54] abbażi tar-riflessjonijiet u d-diskussjonijiet tal-punti ta’ kuntatt nazzjonali tal-media tal-Istati Membri. Is-sett ta’ rakkomandazzjonijiet ġie operazzjonalizzat fit-termini ta’ referenza riveduti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE[55] u, b’kunsiderazzjoni xierqa għall-kummenti li waslu mingħand il-Koordinaturi Nazzjonali tal-EMPACT[56], ġie ppreżentat segwitu għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-media[57] lill-Grupp ta' Appoġġ tal-COSI f'Mejju 2020. Abbażi tal-kontributi li rċieva, il-grupp irrakkomanda l-abbozzar ta’ **Pjan Direzzjonali ta’ Komunikazzjoni** li għandu jtejjeb il-viżibbiltà tal-EMPACT fit-tul[58].

Miżura oħra li ttieħdet biex tiżdied il-viżibbiltà taċ-Ċiklu ta’ Politika tal-UE u jiġu promossi r-riżultati tanġibbli tal-OAPs u l-ħidma tal-COSI/Grupp ta' Appoġġ tal-COSI kienet li **l-iskedi informattivi**[59] li jippreżentaw ir-riżultati jsiru pubbliċi, flimkien mal-**vidjo promozzjonali** annwali[60].

---

[51] 5002/20
[52] WK 12513/19
[53] 5002/1/20 REV 1
[54] 7909/18
[55] 14884/1/18 REV 1
[56] WK 4395/20
[57] 7434/20
[58] 7434/1/20 REV 1
[59] 7623/20
[60] **Error! Hyperlink reference not valid.**

4.7 Jiem ta' Azzjoni Konġunta

Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Appoġġ tal-COSI f'Novembru 2019, id-delegazzjonijiet evalwaw il-valutazzjoni tal-Jiem ta' Azzjoni Konġunta tal-2019 kif ippreżentata mill-Europol, u pprovdew gwida strateġika dwar l-objettivi u l-prijoritajiet fir-rigward tal-kriminalità li għandhom jiġu kkunsidrati fir-rigward tal-Jiem ta' Azzjoni Konġunta tal-2020[61].

B'segwitu għall-gwida strateġika pprovduta mill-COSI, id-delegazzjonijiet qablu dwar l-abbozz tal-kunċett tal-Jiem ta' Azzjoni Konġunta tal-2020 abbażi ta' nota mħejjija mill-Europol b'konsultazzjoni mal-FRONTEX[62].

61 13737/19
62 5619/20 EU RESTRICTED

## 5. KRIMINALITÀ INTERNAZZJONALI ORGANIZZATA U SERJA - FOKUS TEMATIKU

5.1 Titjib fl-investigazzjonijiet finanzjarji, inkluż l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi

B'segwitu għal żewġ diskussjonijiet ta' tħejjija fil-LEWP f'Jannar u Frar 2020, il-COSI kellu dibattitu tematiku fil-21 ta' Frar 2020 dwar l-adozzjoni ta' approċċ aktar komprensiv għall-investigazzjonijiet finanzjarji, li jkopri miżuri dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi, dwar il-kooperazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) u r-rwol tal-Europol f'dik il-kooperazzjoni, u dwar pagamenti fi flus kontanti u pagamenti virtwali. Konsegwentement, il-COSI inkariga lil-LEWP bit-tħejjija tal-abbozz ta' **konklużjonijiet tal-Kunsill**, li kellu jiġi diskuss aktar mill-COSI f'Mejju 2020 u ġie approvat mill-Kunsill f'Ġunju 2020[63].

It-test finali tal-konklużjonijiet tal-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-kooperazzjoni u s-sinerġija fit-twettiq ta' investigazzjonijiet finanzjarji u l-iskambju ta' informazzjoni finanzjarja bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja, l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi, l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tat-taxxa u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Barra minn hekk, il-konklużjonijiet tal-Kunsill jappellaw lill-Kummissjoni biex tikkunsidra t-tisħiħ tal-qafas legali dwar il-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata bil-ħsieb tal-possibbiltà ta' konfiska sussegwenti[64], biex tinkludi l-prinċipju ta' ppjanar ta' qabel is-sekwestru, u biex tagħti setgħat addizzjonali lill-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi, pereżempju setgħat prekawzjonarji urġenti ta' ffriżar temporanju sabiex tiġi evitata d-dissipazzjoni tal-assi. Il-Kummissjoni hija mitluba wkoll tikkunsidra li ttejjeb aktar il-qafas legali sabiex jiġu interkonnessi r-reġistri ċentralizzati nazzjonali tal-kontijiet tal-bank, tikkunsidra l-ħtieġa li jittejjeb aktar il-qafas legali għall-assi virtwali jew terġa' tidħol f'diskussjoni mal-Istati Membri rigward il-ħtieġa għal limitazzjoni leġiżlattiva fuq il-pagamenti fi flus kontanti fil-livell tal-UE.

63 8927/20 u CM2664/20 Dikjarazzjoni mill-Awstrija u l-Italja.

64 Id-Direttiva dwar il-Konfiska (2014/42), l-Artikolu 10(2).

5.2 Traffikar illeċitu ta’ drogi

Fil-laqgħa tal-LEWP li saret fi Frar, li għaliha ġie mistieden il-Grupp ta’ Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi, il-Presidenza ppreżentat dokument ta’ diskussjoni dwar is-suġġett tal-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga. Il-fokus kien it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab tal-Balkani tal-Punent, iżda saret ukoll referenza għall-kuntest usa’, bħall-kooperazzjoni mal-Amministrazzjoni tal-Istati Uniti għall-Ġlieda kontra d-Drogi u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-pajjiżi tal-Amerka Latina.

Sussegwentement, il-COSI kellu dibattitu tematiku fid-dawl tar-Rapport dwar is-Swieq tad-Droga tal-UE 2019 li enfasizza l-ħtieġa li l-politika dwar id-drogi tingħata prijorità akbar fl-aġenda politika. Id-delegazzjonijiet qablu li l-livell tat-theddida għas-sigurtà tal-UE jiġġustifika attenzjoni politika mġedda għas-sitwazzjoni tad-drogi, u li għandhom jiżdiedu l-isforzi biex jiġi mfixkel it-traffikar illeċitu tad-droga fil-qafas ta' politika integrata, bilanċjata u bbażata fuq l-evidenza. Il-kooperazzjoni għandha tiġi intensifikata bejn l-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, dawk ġudizzjarji, doganali u fiskali. Kien meħtieġ fokus akbar fuq ċentri ewlenin tad-droga, l-użu tad-darknet u s-servizzi postali, il-forensika, it-teknoloġiji l-ġodda, l-investigazzjoni finanzjarja, il-konfiska tar-rikavat, u fuq l-immirar ta' kriminali tal-ogħla livell sabiex jiġi mkisser iċ-ċiklu kollu tal-attivitajiet kriminali. Għandhom jiġu żviluppati sħubijiet internazzjonali aktar b’saħħithom ma’ pajjiżi ġirien tal-UE u fuq ir-rotot ewlenin tat-traffikar. Il-COSI inkariga lill-Grupp ta’ Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi, appoġġat mil-LEWP, biex jidentifika l-passi li jistgħu jittieħdu biex jittejjeb ir-rispons tal-UE għat-traffikar illeċitu tad-droga.

F’Mejju 2020 il-COSI **approva sett strateġiku u operazzjonali ta’ miżuri biex jissaħħaħ ir-rispons għat-traffikar tad-droga**[65].

[65] 7743/20 li ġie rivedut skont il-COSI 7743/1/20 REV 1

5.3 Faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u traffikar tal-bnedmin

Id-delegazzjonijiet kellhom skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni attwali[66] tal-implimentazzjoni ta' sett komprensiv u operazzjonali ta' miżuri għat-tisħiħ tar-rispons għan-networks tal-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali[67], filwaqt li enfasizzaw l-importanza tas-suġġett u wrew appoġġ qawwi biex jiġu indirizzati d-diversi kwistjonijiet operazzjonali deskritti fid-dibattitu.

Il-COSI evalwa[68] l-impenn attwali tal-UE fir-rotta tal-Lvant tal-Mediterran għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali. Kien hemm appoġġ ġenerali għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-tħejjija tal-UE u r-rikonoxximent tar-riżultati eċċellenti miksuba fiċ-ċiklu ta' politika tal-UE/EMPACT FII.

Bħala segwitu għad-diskussjonijiet fil-laqgħa ministerjali informali tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tat-23 ta' Jannar 2020, id-delegazzjonijiet kellhom skambju ta' fehmiet fid-dawl tar-rapport konġunt mill-Europol, il-Frontex u l-EASO dwar l-indirizzar tal-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali fil-Balkani tal-Punent[69]. Id-delegazzjonijiet appoġġaw fil-prinċipju l-iżvilupp ta' mekkaniżmu fil-Balkani tal-Punent għall-iskambju mtejjeb ta' informazzjoni, eż. sistemi nazzjonali ta' reġistrazzjoni bijometrika/kondiviżjoni ta' data dwar applikanti għall-ażil u migranti irregolari li jistgħu jiġu mmudellati fuq il-EURODAC, kif ukoll implimentazzjoni ulterjuri ta' SIENA. Il-preżenza msaħħa tal-aġenziji tal-UE fir-reġjun titqies utli f'ċerti każijiet, filwaqt li ġiet issottolinjata l-ħtieġa ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn id-diversi atturi tal-UE. Filwaqt li jibni fuq ir-riżultati operazzjonali pożittivi, il-Kumitat ħeġġeġ l-involviment akbar tas-sħab tal-Balkani tal-Punent fiċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE/EMPACT. Il-COSI ġedded l-appell tiegħu lill-Kummissjoni u lill-aġenziji rilevanti biex jindirizzaw il-kwistjoni tal-funzjoni tal-monitoraġġ tal-media soċjali wara l-għeluq tal-programm tal-EASO, kif mitlub mill-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Il-COSI ħa nota tal-Valutazzjoni Annwali tar-Riskju mill-FRONTEX għall-2020. Abbażi ta' theddid u vulnerabbiltajiet identifikati fil-ġestjoni tal-fruntieri, il-Frontex ippjanat u wettqet attivitajiet operazzjonali konġunti biex tipprevjeni, tidentifika u tiġġieled il-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera fil-fruntieri esterni u f'pajjiżi terzi ġirien. Dan l-isforz komuni mkejjel huwa, fejn meħtieġ u effettiv, imwettaq abbażi ta' terminu medju u twil.

[66] 13439/19
[67] 15250/18
[68] 13974/19
[69] 5312/20

L-iżvilupp tal-korp permanenti u l-attivitajiet operazzjonali tal-Frontex bħall-iżvilupp tal-kooperazzjoni bejn l-Aġenziji Ewropej għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-estensjoni fil-kollaborazzjoni ma' Pajjiżi terzi huwa bbażat fuq Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri.

Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Grupp ta' Appoġġ tal-COSI t-tieni rapport dwar il-progress[70] ippubblikat f'Diċembru 2018, kif meħtieġ skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi. Ir-Rapport enfasizza żieda fit-traffikar intern, kif ukoll żieda fl-isfruttament tal-fluss migratorju għat-traffikar tal-bnedmin. Ir-Rapport ġie ppreżentat ukoll fil-laqgħat tal-CATS, SCIFA, kif ukoll fil-laqgħa tal-bidu tal-OAP dwar it-traffikar tal-bnedmin.

5.4 Gruppi organizzati bi stil mafjuż

F'Settembru 2019, id-delegazzjoni Taljana ppreżentat dokument ta' diskussjoni lill-COSI fir-rigward tat-theddida minn organizzazzjonijiet dejjem aktar attivi, li huma kkaratterizzati mill-"flessibbiltà strutturali" u t-"transnazzjonalità" tal-azzjonijiet tagħhom. Saret referenza speċifika għal Ndrangheta u tressqu diversi punti ta' diskussjoni. Id-delegazzjonijiet ħadu nota tad-dokument.

5.5 Frodi tad-Dokumenti

Il-frodi tad-dokumenti baqgħet theddida trasversali u prijorità tal-EMPACT peress li hija faċilitatur għal ħafna oqsma oħra ta' kriminalità. Iżda speċjalment fil-fruntieri fejn din toħloq riskju serju għas-sigurtà interna mhux limitat għall-migrazzjoni irregolari.

Bħala kompetenza ewlenija tal-gwardji tal-fruntieri, il-Frontex estendiet l-iskambju ta' data/informazzjoni tagħha f'network iddedikat għall-analiżi tar-riskju u ħolqot Dashboards ġodda tal-FED dwar il-frodi tad-dokumenti għall-analisti tal-Istati Membri tal-UE, tat għarfien tas-sitwazzjoni fil-livell strateġiku fil-forma ta' analiżi tar-riskju annwali li tiffoka fuq il-frodi tad-dokumenti u ġġenerat diversi manwali tematiċi.

Barra minn hekk, għall-ewwel darba, il-COSI kiseb baġit iddedikat għal din il-prijorità trasversali li żgurat diversi azzjonijiet operazzjonali u tekniċi appoġġati mill-Europol u l-Grupp ta' Livell Għoli ddedikat għall-frodi tad-dokumenti.

[70] 15677/18 + ADD 1

## 6. <u>RABTA INTERNA - ESTERNA</u>

6.1 Kooperazzjoni PSDK-ĠAI: Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK

Il-KPS u l-COSI reġgħu lura għall-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, b'enfasi fuq l-implimentazzjoni tiegħu. Is-SEAE aġġorna lid-delegati fi Frar 2019 dwar il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt SEAE/COM u l-isforzi li għaddejjin biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni PSDK-ĠAI, u enfasizza r-rwol ewlieni tal-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali. Is-SEAE ġibed l-attenzjoni għall-isforzi tiegħu biex jaħdem b'mod konġunt mal-Kummissjoni, l-Europol, il-Frontex u s-CEPOL biex tiġi żgurata l-produzzjoni ta' pjan ta' azzjoni komprensiv, li jipprevedi wkoll l-opportunità li jiġu żviluppati forom ġodda ta' kooperazzjoni bejn l-atturi tal-PSDK u tal-ĠAI. L-Istati Membri qablu dwar il-ħtieġa għal implimentazzjoni effettiva tal-Patt u għal kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn l-atturi tal-PSDK u tal-ĠAI.

F'termini tal-implimentazzjoni tal-Patt Ċivili, kien hemm appoġġ ġenerali għall-approċċ ta' kunċett "mini" f'termini tal-operazzjonalizzazzjoni tal-Patt Ċivili permezz ta' proġetti konkreti u skemi pilota fil-missjonijiet ta' interess. Il-KPS u l-COSI ddiskutew l-istabbiliment potenzjali ta' proġett pilota fin-Niġer dwar il-Pjattaforma ta' Koordinazzjoni fil-qasam tal-Kriminalità Organizzata (OCCP) abbażi ta' dokument tas-SEAE[71]. Id-dibattitu wera l-ħtieġa li jiġu ċċarati għadd ta' kwistjonijiet qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar proġett bħal dan.

6.2 Theddid ibridu

Il-Kumitat laqa' ir-rapport tal-Presidenza[72] kif ukoll preżentazzjoni dwar l-eżitu ta' diskussjoni ta' politika bbażata fuq xenarju li saret fil-laqgħa ministerjali informali f'Helsinki f Lulju 2019. Id-delegazzjonijiet qablu li jenħtieġ jittieħed approċċ multisettorjali, nazzjonali u tal-UE. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw ukoll ir-rwol tal-aġenziji tal-UE b'appoġġ għall-isforzi tal-Istati Membri. Fid-dawl tad-diskussjoni, tressaq fil-Kunsill dibattitu ta' orjentazzjoni f'Ottubru 2019.

---

[71] WK 10339/19
[72] 12226/1/19 REV 1

Il-COSI u l-KPS kellhom diskussjoni konġunta dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu abbażi ta' dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza[73]. Kien hemm konverġenza wiesgħa ta' fehmiet fost id-delegazzjonijiet dwar l-ambitu u l-ħtieġa għal approċċ tal-UE f'dan il-qasam, li jeħtieġ ukoll l-introduzzjoni ta' għodod interni u esterni. Ir-rwol tal-missjonijiet tal-PSDK fl-indirizzar ta' theddid ibridu fil-qasam ta' operazzjoni tagħhom ġie enfasizzat.

[73] WK 10276/19

## 7. KOOPERAZZJONI MAS-SĦAB TAL-BALKANI TAL-PUNENT

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab tal-Balkani tal-Punent kien fost il-prijoritajiet ewlenin tal-Presidenza HR u kien tema trasversali f'għadd ta' dibattiti li saru fil-livell ta' grupp ta' ħidma u fil-COSI fir-rigward ta' oqsma prominenti ta' sigurtà interna bħad-drogi illeċiti, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u l-kooperazzjoni operattiva.

B'referenza għan-natura kumplessa sovrastanti tat-theddid għas-sigurtà, inkluż is-suq tad-drogi illeċiti u l-gruppi tal-kriminalità organizzata, ġie rrakkomandat li miżura meħtieġa biex jiġi indirizzat it-**traffikar illeċitu tad-droga** u l-attivitajiet illegali tal-gruppi tal-kriminalità organizzata hija li tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn l-UE u s-sħab tal-Balkani tal-Punent bir-rakkomandazzjoni li dan jinkiseb permezz taċ-ċiklu ta' politika tal-UE / EMPACT, li jipprovdi pjattaforma multidixxiplinari biex jiġu indirizzati ċerti reġjuni u l-gruppi tal-kriminalità organizzata. Tressqu wkoll aspetti oħra quddiem il-COSI bħall-idea li tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni operattiva bejn il-Pulizija, il-Gwardji tal-Fruntiera u l-awtoritajiet tad-Dwana tal-Istati Membri u ta' pajjiżi terzi u b'mod partikolari s-sħab tal-Balkani tal-Punent, kif ukoll li jiġi pprovdut aktar "għarfien" tal-UE lill-Balkani tal-Punent fil-forma ta' appoġġ tekniku u appoġġ fl-indirizzar tal-ostakli fl-oqfsa organizzattivi, leġiżlattivi u proċedurali.

Bħala segwitu għad-diskussjoni fil-laqgħa ministerjali informali tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tat-23 ta' Jannar 2020, id-delegazzjonijiet kellhom skambju ta' fehmiet fid-dawl tar-rapport konġunt mill-Europol, il-Frontex u l-EASO dwar il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali fil-Balkani tal-Punent (5312/20)

Id-delegazzjonijiet appoġġaw fil-prinċipju l-iżvilupp ta' mekkaniżmu fil-Balkani tal-Punent għal skambju mtejjeb ta' informazzjoni, eż. ta' sistemi nazzjonali ta' reġistrazzjoni bijometrika/kondiviżjoni ta' data dwar applikanti għall-ażil u sistema għal migranti irregolari li jistgħu jiġu mmudellati fuq il-EURODAC, u l-implimentazzjoni ulterjuri ta' SIENA. Preżenza msaħħa tal-aġenziji tal-UE fir-reġjun titqies utli f'ċerti każijiet, filwaqt li ġiet issottolinjata l-ħtieġa ta' koordinazzjoni msaħħa bejn id-diversi atturi tal-UE. Filwaqt li jibni fuq ir-riżultati operazzjonali tajbin, il-Kumitat ħeġġeġ involviment akbar tas-sħab tal-Balkani tal-Punent fiċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE/EMPACT. Il-Frontex baqgħet impenjata għal kooperazzjoni fit-tul mas-sħab tan-Network ta' Analiżi tar-Riskju tal-Balkani tal-Punent (WB-RAN). Din il-kooperazzjoni tipprovdi għarfien tas-sitwazzjoni aġġornat u kapaċitajiet analitiċi mtejba li jistgħu jiggwidaw l-aktar reazzjonijiet operazzjonali u fil-livell strateġiku adatti għal theddid komuni. Il-COSI ġedded l-appell tiegħu lill-Kummissjoni u lill-aġenziji rilevanti biex jindirizzaw il-kwistjoni tal-funzjoni tal-monitoraġġ tal-media soċjali wara l-għeluq tal-programm tal-EASO, kif mitlub mill-opinjoni tal-EDPS.

## 8. **ĠESTJONI TAL-INFORMAZZJONI**

Fit-tieni semestru tal-2019 il-Presidenza FI tat bidu għal diskussjoni dettaljata dwar is-suġġett fil-kuntest tar-riflessjoni li għaddejja dwar il-futur tas-sigurtà interna tal-UE[74]. L-Istati Membri ssottolinjaw li l-**ġestjoni tal-informazzjoni** jenħtieġ tibqa' fuq l-aġenda tal-Kunsill b'enfasi fuq il-ħtieġa li tingħata ħarsa lejn iċ-ċiklu sħiħ tad-data, mill-aċċess, sal-iskambju effettiv u l-użu tad-data, sabiex jiġi żgurat approċċ sistematiku. Barra minn hekk, l-Istati Membri enfasizzaw il-perspettiva tal-utent aħħari għal aktar żviluppi kif ukoll l-importanza tal-użu sħiħ tal-għodod eżistenti (legali, tekniċi). Ġie indirizzat ukoll it-tisħiħ tar-rwol tal-Europol bħala ċentru ta' informazzjoni. Ġie kkonfermat li l-awtomatizzazzjoni hija kruċjali biex jiġu indirizzati l-flussi tad-data li qed jiżdiedu bl-istandardizzazzjoni bħala prerekwiżit.

F'Novembru 2019, l-eu-LISA tat preżentazzjoni lill-COSI dwar "**L-intelliġenza artifiċjali** fil-ġestjoni operazzjonali ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira"[75]; is-suġġett irċieva reazzjoni pożittiva minn dawk preżenti, b'xi kontributi pjuttost twal. Tressqu diversi ideat, bħall-ħtieġa li jiġu żviluppati algoritmi komuni f'oqsma speċifiċi madwar l-UE, bl-istandardizzazzjoni tkun prijorità inizjali. Saru diversi referenzi għaċ-ċentru ta' innovazzjoni diskuss preċedentement fil-Europol. Ġie enfasizzat ukoll li biss ladarba dawn il-punti jkunu ġew indirizzati fil-livell ta' grupp ta' esperti għandhom jittieħdu deċiżjonijiet politiċi biex jiġu adottati miżuri. Kien hemm apprezzament ġenerali tar-rwol li jista' jkollha l-IA f'termini ta' sigurtà interna kemm mil-lat strateġiku kif ukoll minn dak prattiku, u rikonoxximent li huwa qasam li jeħtieġ li jiġi esplorat aktar soġġett għal qafas ta' salvagwardji stretti.

---

74 13510/19
75 12783/19

Iż-żewġ **Regolamenti l-ġodda dwar l-Interoperabbiltà** ((UE) 2019/817 u (UE) 2019/818) daħlu fis-seħħ
fil-11 ta' Ġunju 2019 u l-implimentazzjoni ta' dawk ir-regolamenti kienet waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Presidenza Finlandiża. Il-proċeduri operazzjonali u l-impatt tal-Interoperabbiltà fuq l-utenti finali (l-awtoritajiet tal-Istati Membri) huma ħidma importanti li jeħtieġ li tiġi diskussa fi ħdan l-istrutturi tal-Kunsill sabiex jiġi ottimizzat il-valur miżjud operazzjonali tal-qafas tal-Interoperabbiltà. F'Settembru 2019 ġie ppreżentat lill-COSI dokument tal-Presidenza li jiddeskrivi d-diversi aspetti tal-implimentazzjoni tar-Regolamenti l-ġodda dwar l-Interoperabbiltà, filwaqt li jqiegħed quddiem il-COSI diversi kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu definiti aktar fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' dawk ir-regolamenti. Id-dibattitu wera l-ħtieġa għal aktar sforz biex jiġu indirizzati d-diversi stadji tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-Interoperabilità.

Kien hemm kunsens ġenerali li billi jinżamm aġġornat il-COSI dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni u l-kwistjonijiet li jista' jkun hemm bżonn li jiġu indirizzati jista' jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-implimentazzjoni f'waqtha tal-qafas tal-Interoperabbiltà.

## 9. DWANA: IT-TISĦIĦ TAL-KONTRIBUZZJONI TAD-DWANA GĦAS-SIGURTÀ INTERNA

Il-COSI kompla jindirizza l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali bħala waħda mill-prijoritajiet tiegħu matul il-perijodu ta' rapportar. Il-Kumitat ħa nota tal-adozzjoni tal-istrateġija aġġornata għall-kooperazzjoni futura bejn id-dwana u l-infurzar tal-liġi. Abbażi tad-dokument ta' diskussjoni[76], il-COSI evalwa l-ħidma estensiva li saret mill-Presidenza biex jissaħħaħ il-kontribut tad-dwana għas-sigurtà interna u ddiskuta modi possibbli 'l quddiem biex tkompli tissaħħaħ, fi ħdan il-qafas tal-kompetenzi stabbiliti u skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, tali kooperazzjoni, li titqies bħala kruċjali fil-ġlieda kontra il-kriminalità organizzata. Ġie nnutat il-progress li sar mill-Frontex biex tgħaqqad il-gwardja tal-fruntiera, id-dwana u l-pulizija taħt il-kappa tal-attivitajiet operazzjonali tal-Frontex immirati lejn il-kriminalità tranżnazzjonali.

Kien hemm preżenza dejjem tikber tal-awtoritajiet doganali fi ħdan l-EMPACT u fl-2020 l-awtoritajiet doganali kienu involuti f'għaxar azzjonijiet tal-OAPs tal-2020, fejn mexxew b'mod konġunt tnejn minnhom[77]. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw il-kooperazzjoni pożittiva tad-dwana maċ-ċiklu ta' politika tal-UE u ħeġġew sinerġiji aktar profondi mal-Pjan ta' Azzjoni Doganali. Ġie ppreżentat pjan direzzjonali fil-laqgħa tas-CCWP fis-26 ta' Novembru 2019 dwar l-integrazzjoni doganali fis-SOCTA.

Il-COSI eżamina l-opportunitajiet għall-kooperazzjoni bejn l-OAPs taċ-ċiklu ta' politika tal-UE u l-Għaxar Pjan ta' Azzjoni tas-CCWP sabiex jinkisbu sinerġiji u approva t-triq 'il quddiem issuġġerita[78].

---

[76] 13975/19
[77] 7069/20
[78] 7664/1/20 REV 1

## 10. TAĦRIĠ

It-taħriġ fl-infurzar tal-liġi, ipprovdut mill-aġenziji rilevanti tal-UE, temm is-serje ta' dibattiti tematiċi fir-rigward tal-futur tas-sigurtà interna tal-UE. F'Novembru 2019, il-COSI kellu dibattitu animat u b'parteċipazzjoni attiva dwar it-taħriġ tal-infurzar tal-liġi fil-qafas tad-diskussjonijiet dwar il-futur tas-sigurtà interna tal-UE[79]. Kien hemm qbil ġenerali dwar l-importanza strateġika tat-taħriġ u l-ħtieġa li jsir aktar investiment fih, speċjalment fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda. L-Istati Membri indikaw il-ħtieġa għal aktar taħriġ f'oqsma bħaċ-ċiberkriminalità u l-Interoperabbiltà.

Ġie espress appoġġ wiesa' għall-iżvilupp ta' kurrikuli standardizzati għal attivitajiet ta' taħriġ madwar l-UE, b'kont meħud tad-differenzi nazzjonali, bi proposti biex jiġu stabbiliti standards ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità. Kien hemm appoġġ unanimu għal aktar żvilupp ta' programmi ta' skambju li jinkludu studenti, filwaqt li ġew imfakkra eżempji eżistenti: Taħriġ reċiproku FR-ES, programm ta' skambju tal-istudenti BG-DE. Delegazzjoni waħda tenniet l-appell biex jinħoloq pilastru tal-edukazzjoni fil-laboratorju tal-innovazzjoni u, fuq l-istess linji, l-appelli biex is-CEPOL ikollha rwol akbar fir-R&Ż u biex jinħolqu rabtiet aktar b'saħħithom mal-Academia.

Kien hemm appelli biex is-CEPOL tiġi ffinanzjata b'mod adegwat u biex jiġi aġġornat il-mandat tas-CEPOL jekk ikun meħtieġ biex jinkludi kwalunkwe kompitu addizzjonali identifikat, inkluż l-involviment fit-taħriġ bażiku.

Hemm bżonn li jiġu mmappjati l-isforzi fit-taħriġ biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u biex jiġu kkoordinati l-attivitajiet ta' taħriġ tal-UE, reġjonali u nazzjonali. Kien hemm qbil ġenerali dwar il-ħtieġa li jkun hemm aktar involviment tad-dwana u l-ġustizzja fit-taħriġ fl-infurzar tal-liġi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni.

Il-Presidenza kkonkludiet billi enfasizzat l-importanza strateġika tat-taħriġ, il-ħtieġa li jiġi żviluppata CCC, l-utilità ta' aktar żvilupp tal-programmi ta' skambju u r-rwol importanti li għandhom is-CEPOL u l-FRONTEX[80].

---

[79] 13973/19

[80] Il-Frontex taqdi rwol essenzjali fil-bini u l-armonizzazzjoni tal-edukazzjoni tal-komunità tal-ġestjoni tal-fruntieri, billi tippromwovi standards komuni u l-aħjar prattiki biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali u emerġenti fil-fruntiera esterna. Il-programmi ta' taħriġ tal-Frontex jimmiraw għall-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u jrawmu modi moderni ta' ħidma, jintegraw l-aktar sistemi ġodda fuq skala kbira tal-IT u teknoloġiji tal-ogħla livell, jippermettu lill-komunità tal-ġestjoni tal-fruntieri tiġbor l-informazzjoni u l-intelligence

**- Network tal-Aġenziji tal-ĠAI**

Il-Kumitat ħa nota tal-preżentazzjonijiet mill-EIGE dwar l-attivitajiet tan-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI[81] fl-2018 u mill-Europol rigward il-prijoritajiet ewlenin tan-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI fl-2019 b'enfasi fuq l-Interoperabbiltà, l-ICT, iċ-ċibernetika u l-innovazzjoni. Sena wara, l-Europol ippreżentat l-aktar attivitajiet rilevanti tan-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI fl-2019[82], filwaqt li l-prijoritajiet ewlenin għall-2020 ġew ippreżentati mill-Eurojust.

## 11. IR-RWOL TAL-GRUPP TA' APPOĠĠ TAL-COSI (COSI SG)

Il-COSI SG jiffaċilita u jappoġġa l-ħidma tal-COSI, partikolarment fil-qafas taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE. Huwa għandu jħejji d-diskussjonijiet għall-COSI, jew billi jikkonkludi ċerti punti (sikwit tekniċi) li jistgħu jiġu ttrattati fil-livell tal-COSI SG inkella billi jissimplifika d-diskussjonijiet għall-COSI. Kwistjonijiet li jeħtieġu gwida ulterjuri mill-COSI jew kwistjonijiet ta' natura strateġika jiġu ppreżentati lill-COSI għal diskussjoni[83].

## 12. KONKLUŻJONIJIET

Il-COSI baqa' impenjat għar-rwol ċentrali tiegħu li jiżgura li l-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna tiġi promossa u msaħħa fi ħdan l-Unjoni. Il-COSI kompla jissorvelja l-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE u jiddeterieġi l-iżviluppi ulterjuri. Iċ-Ċiklu ta' Politika 2018 - 2021 għadu jikkostitwixxi għodda ewlenija għall-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja tul l-erba' snin li ġejjin, filwaqt li jipprovdi pjattaforma multidixxiplinari solida għall-kooperazzjoni operattiva bejn għadd kbir ta' atturi. Il-COSI ser ikollu rwol sinifikanti fil-passi li jmiss fir-rigward tal-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' politika mġedded li jibda fl-2022.

Barra minn hekk, il-COSI ser ikompli jkollu rwol importanti fir-risponsi meħtieġa, u fl-iżvilupp tagħhom, għall-isfidi fi ħdan is-sigurtà interna tal-UE fir-rigward ta' għadd kbir ta' suġġetti li ser jaqgħu taħt it-Triju ta' Presidenzi li jmiss (il-Ġermanja, il-Portugall u s-Slovenja).

rilevanti u taġixxi b'antiċipazzjoni tar-riskji u t-theddid potenzjali għas-sigurtà interna komuni.

81 6422/19

82 5972/20

83 8900/17

## 13. ANNESS I - LAQGĦAT TAL-COSI U TAL-COSI-KPS JANNAR 2019 - ĠUNJU 2020

| LAQGĦA | DATA | AĠENDA | OOP |
|---|---|---|---|
| COSI SG | 4/02/2019 | CM 1318/1/19 REV 1 | |
| COSI | 21/02/2019 | CM 1319/19 | 6655/19 |
| COSI-KPS | 21/02/2019 | CM 1607/19 | |
| COSI SG | 2/05/2019 | CM 2629/1/19 REV 1 | |
| COSI SG | 8/05/2019 | CM 2777/19 | |
| COSI | 14/05/2019 | CM 2632/1/19 REV 1 | 9401/19 |
| COSI SG-CIVCOM | 12/06/2019 | CM 2626/19 | |
| COSI SG | 22/07/2019 | CM 3245/19 | |
| COSI SG | 11/09/2019 | CM 3886/1/19 REV 1 | |
| COSI-KPS | 25/09/2019 | CM 3875/1/19 REV 1 | |
| COSI | 26/09/2019 | CM 3876/2/19 REV 2 | 12662/19 |
| COSI SG | 11/11/2019 | CM 4549/1/19 REV 1 | |
| COSI | 19/11/2019 | CM 4550/19 | 14696/19 |
| COSI SG | 6/02/2020 | CM 1286/1/20 REV 1 | |
| COSI | 21/02/2020 | CM 1383/20 | 6658/20 |
| COSI SG | 11/05/2020 | CM 2092/20 (kontributi bil-miktub dwar fajls li għadhom għaddejjin) | 9025/20 |
| COSI | 15/05/2020 | CM 2142/1/20 REV 1 (Talba għall-kontribuzzjoni) | 9026/20 |
| VTC COSI informali | 15/05/2020 | WK 4775/20 | |

## 14. ANNESS II- ABBREVJAZZJONIJIET

- IA: Intelliġenza Artifiċjali
- ARO: Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi
- CBRN: Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari
- CCC: Kurrikulu Komuni Ewlieni
- CCWP: grupp ta' ħidma dwar il-kooperazzjoni doganali
- COSI: Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna
- PSDK: Missjonijiet ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni
- CT: Ġlieda kontra t-terroriżmu
- SEAE: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
- EIGE: Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
- EIS: Sistema ta' Informazzjoni Europol
- EMPACT: Pjattaforma multidixxiplinari Ewropea kontra t-theddid kriminali

EU CTC: Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu

SOCTA tal-UE: Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-Unjoni Ewropea

FTFs: Ġellieda Terroristi Barranin

ISF: Fond għas-Sigurtà Interna

HVG: Għotja ta' Valur Għoli

- JADs: Jiem ta' Azzjoni Konġunta
- Kunsill ĠAI: Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni
- LEA: Aġenzija tal-Infurzar tal-Liġi
- LEWP: Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi
- LVG: Għotja ta' Valur Baxx
- QFP: Qafas Finanzjarju Pluriennali
- NEC: Koordinaturi Nazzjonali tal-EMPACT
- OAP: Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali
- OCGs: Gruppi tal-Kriminalità Organizzata
- OCCP: Pjattaforma ta' Koordinazzjoni fil-qasam tal-Kriminalità Organizzata
- KPS: Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

SIS: Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

THB: Traffikar ta' Bnedmin

- TWP: Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu
- US DEA: United States Drug Enforcement Administration (Amministrazzjoni tal-Istati Uniti għall-Ġlieda kontra d-Droga)
- WB-RAN: Balkani tal-Punent - Network ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni

## 15. ANNESS III - SKEDA INFORMATTIVA ĠENERALI TAL-EMPACT - OAPS 2019

EUROPOL PUBLIC INFORMATION

EMPACT

# GENERAL FACTSHEET OAPS 2019

### CRIMINAL FINANCES, MONEY LAUNDERING AND ASSET RECOVERY

**49** arrests
**Seized: €6 800 104** in cash.
Other: **18** vehicles, **165** cannabis plants
**Assets seized: 200** bank accounts frozen

OPERATIONAL HIGHLIGHT: OP CARTON ROUGE

**2** HVTs identified

### CYBERCRIME – ATTACKS TO INFORMATION SYSTEMS

**22** arrests
**7** international investigations/operations supported
**5** EMPACT action days executed
**1** OCG and **9** high-value targets (HVT)
**40 000** victims' data recovered, and **16** proxy servers identified; over **€550 000** in cash and cryptocurrencies
**Taken down:** multi-million euro cryptocurrency laundering service Bestmixer, illegal online platform The Wall Street Market, illegal online platform Valhalla Marketplace

OPERATIONAL HIGHLIGHT: TAKE DOWN OF MULTI-MILLION EURO CRYPTOCURRENCY LAUNDERING SERVICE BESTMIXER

Bestmixer was one of the three largest mixing services for cryptocurrencies. Achieved a turnover of at least **$200m** (approx. 27 000 bitcoins) in one year, guaranteeing customers' anonymity

### CYBERCRIME – CHILD SEXUAL ABUSE AND CHILD SEXUAL EXPLOITATION

**58** arrests
**39** victims identified
**Seized: 21** childlike sex dolls
**50%** increase of non-content files and warning files compared to 2018
**22.3%** reduction in child sexual abuse material/files thanks to non-content files and warning files uploaded

OPERATIONAL HIGHLIGHT: VICTIM IDENTIFICATION TASKFORCE

**19** victims identified and safeguarded, **1 914** series created and shared, **355** intelligence packages created

### CYBERCRIME – NON-CASH PAYMENT FRAUD

**475** arrests/detentions
**1 306** international investigations supported/contributed
**3** international operations supported/contributed
**1** OCG dismantled
**Identified: 60** HVTs, **1 370** fraudsters, **386** herders, **3 383** money mules, **4 757** victims
**€17.9m** fraud prevention
**Seized: €40 000** in cash
Other: 120 fake university diplomas and other counterfeit documents, computers, luxury watches and other jewellery
**Taken down: 300** Instagram accounts

OPERATIONAL HIGHLIGHT: E-COMMERCE ACTION (ECOMM 2019)

**60** arrests
Fraudulent transactions reported for a value of **€5 164 392.60**

### DOCUMENT FRAUD

**165** arrests
**4** print shops dismantled
**Seizures: 3 655** fraudulent documents
**Involved in: 9 JOINT ACTION DAYS**

OPERATIONAL HIGHLIGHT: OP MARKO

(Large-scale forgery of documents for migrant smuggling networks), **1** arrest, **1** fully equipped print shop dismantled
**198** passports **+ 3 200** biodata single pages of original Greek and foreign passports, **172** identity cards, **90** driving licences, residence permits. Equipment: paper laminating and cutting devices, ink, etc

### DRUGS - CANNABIS, COCAINE AND HEROIN

**283** arrests
**Seized: 37.2 tonnes** of cannabis resin, **10 tonnes** of cocaine, **8 tonnes** of acetic anhydride for heroin production, **500 kg** of heroin, **10 kg** of fentanyl, **€7m** in cash
Other: **4** yachts, **1** vessel, **103** vehicles
**Assets seized: 800** bank accounts frozen, **€27m** in properties and luxury goods

OPERATIONAL HIGHLIGHT: OPERATION BEAUTIFUL

**4 tonnes** of cocaine seized, **€2m** in cash seized, **800** bank accounts frozen, luxury goods worth **€6m**, properties worth **€20m**
Other: **3** yachts, **77** vehicles, **4** firearms

### DRUGS – NPS/SYNTHETIC DRUGS

**555** arrests
**Seized: 11.3 tonnes** of pre-precursors (MAPA), **2.4 tonnes** of cocaine, **2.5 tonnes** of cannabis, **682 kg** of MDMA, **229 000** ecstasy pills, **247 kg** of methamphetamine, **€7.5m** in cash and cryptocurrency
Other: **57** firearms, **16** cars and luxury goods
**7** illicit laboratories dismantled

OPERATIONAL HIGHLIGHT: LARGE SCALE JAD

**11.3 tonnes** of pre-precursors, **1.3 tonnes** of cocaine, **19 000** ecstasy pills, **10 kg** of amphetamine, **6 kg** of MDMA **€60 000** in cash. Other: **6** firearms, **16** cars

EMPACT

## FACILITATED ILLEGAL IMMIGRATION

**2 601** arrests
**86** OCGs identified/dismantled
**Identified: 19** facilitators, **508** over-stayers, **34** irregular migrants
**Seized: 2 875** documents, **€1.2m** in cash. Other: **3 556** mobile phones, **1** vessel, **37** vehicles, **2** trucks, **2** vans, **21** tractors, **7** boat engines, **57** firearms, **983** pieces of ammunition, **200 000** cigarettes, drugs

**OPERATIONAL HIGHLIGHT: INVESTIGATION CASE**

**13** arrests, **86** OCGs identified/dismantled, **70** HVTs identified
**19** facilitators identified, **34** irregular migrants found,
**508** over-stayers detected, **12 534** entry refusals, **4** print shops identified and dismantled, **1 081** internet referrals, **389** criminal proceedings against sham marriages, mobile phones and documents seized

## ORGANISED PROPERTY CRIME

**1 251** arrests
**23** mobile organised crime groups dismantled
**Seizures and assets seized:** value of the seizures and assets seized: **€4 444 424**

**OPERATIONAL HIGHLIGHT: OP PANDORA IV**

**64** arrests, **28 000** cultural goods seized, **158** criminal investigations initiated

## TRAFFICKING IN HUMAN BEINGS

**825** arrests
**94** OCGs identified/dismantled
**Identified: 1** HVT, **8 824** suspects, **1 307** potential victims (including 69 minors)
**Seized: €173 000**, **$2 500**. Other: **6** vehicles, computers, mobile phones
**Assets seized: €1.5m** frozen

**OPERATIONAL HIGHLIGHT: LABOUR EXPLOITATION**

**273** arrests, **323** potential victims identified, **100** new investigations

## MTIC FRAUD

**31** arrests
**12** OCGs identified/dismantled
**Tax evasion prevented: €8.7m**
**Seized: €2.2m** in cash, **15** tonnes of goods. Other: **1** truck
**Assets seized: €6.8m** seized/frozen

**OPERATIONAL HIGHLIGHT: BALTIC REGION**

**9** OCGs investigated, **€2.2m** in cash seized, vehicles and real estate worth **€1.8m**

## EXCISE FRAUD

**444** arrests
**Seized: 5 215 710 kg** of designer fuel, **7 880 litres** of mineral oil, **32 571 kg** of ethanol-like liquid, **956 866 kg** of tobacco, **348 272 731** pieces of cigarettes, **12 965 litres** of vodka, **235** pallets of alcoholic beverages and soft drinks, **€979 234** in cash. Other: **104** trucks, **78** trailers, **58** cars, **3** vans, **75** forklifts, **11** ISO containers, **4** weapons, IT equipment, machinery, large quantity of ingredients for fuel laundering
**254** illicit tobacco production/storage/distribution facilities dismantled
**Assets seized:** machinery/equipment for illegal production of tobacco (**137** production lines, **75** packaging lines, **61** cutting machines, **22** generators and huge quantities of precursors), illegal fuel filling stations and equipment for fuel distribution, real estate, luxury vehicles worth **€1.6m**, **186** bank accounts frozen
**Tax evasion prevented: €370 361 417**

**OPERATIONAL HIGHLIGHT: OPS CHAIN BRIDGE III/IV**

**59** arrests, **5200 tonnes** of designer fuel, **€330 000** in cash and other assets seized, **186** bank account frozen
Other: **78** trucks, **78** trailers

## FIREARMS

**1 069** arrests
**Seized: 6 072** weapons, **59** weapon parts, **31 369** pieces of ammunition and **121** cartridges, **15** explosive improvised devices, **99** hand grenades, **4** blocks of TNT, **9** sticks of dynamite, **€2 774 305** in cash, **€4m** in cryptocurrency, **€35 000** in gold. Other: **299.5 kg** of drugs, **25 866 kg** of cocaine, **188 000** pills, **80 kg** of heroin
**Taken down: 50** dark web accounts

**OPERATIONAL HIGHLIGHT: OP ARMES 72 AND WARDOGS**

**152** arrests, **4 490** weapons seized, **9** sticks of dynamite, **€470 000** in cash

## ENVIRONMENTAL CRIME

**148** arrests
**3** OCGs identified/dismantled
**977** suspected individuals/legal entities identified
**Seized: 30 tonnes** of contaminated fishes, **2 471 kg** of illegal fisheries, **240 kg** of glass eels, **13** fishing boats, **4** boats, **1 030** tonnes of lead acid batteries (**+ 9 630** tonnes under investigation), **224 207** batteries, **50 511kg** sets of solar batteries, **1 783.65 kg** of used batteries, **130** lithium batteries, **22** truck batteries, **12** car batteries, **340 kg** of waste, **23 394m³** of timber. Other: **3** tanks, **12** vehicles, 3 engines
**Assets seized: €2 691 648** illicit profit

**OPERATIONAL HIGHLIGHT: OPS END OF LIFE BATTERIES**

**15** arrests, **1** OCG dismantled, **5** potential HVTs identified
**Seized: 1 030 tonnes** of lead acid batteries (**+ 9 630 tonnes** under investigation), **224 207** batteries, **50 511 kg** sets of solar batteries, **1 783.65 kg** of used batteries, **130** lithium batteries
**22** truck batteries, **12** car batteries